MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1267/2010

**Joseph Grech**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-7 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi huwa flimkien ma' ħutu Calcedonio, Salvatore, Carmelo u Maria, huwa bin il-mejtin Agostina xebba Cassar u Paul Grech;

2. Illi Agostina Cassar, flimkien ma' ħuha Joseph Cassar Pavia, kienu wlied Maria xebba Pavia u Calcedonio Cassar;

3. Illi jingħad illi l-imsemmija Maria xebba Pavia kienet iżżewġet darbtejn. L-ewwel żwieġ tagħha nhar is-27 ta' Frar 1884 kien ma' Calcedonio Cassar, u frott ta' dan iż-żwieġ kienu twieldu Joseph Cassar Pavia u Agostina Cassar. Sussegwentement kien miet Calcedonio Cassar, u Maria xebba Pavia kienet iżżewġet lil Joseph Pace nhar it-18 t'Ottubru 1891, u frott ta' dan iż-żwieġ ma kien hemm ebda wlied;

4. Illi riċentament u ċjoe' nhar id-9 ta' Settembru 2010, mietet Maria Grech, oħt ir-rikorrenti, li kienet xebba;

5. Illi estratt tal-mewt tagħha li jġib in-numru 2092/2010 isem ommha, erronjament ġie indikat bħala xebba Pace u mhux xebba Cassar;

6. Illi r-rikorrenti minħabba f'hekk ried jivverifika ma' l-estratt tat-twelid ta' oħtu Maria Grech, li jġib in-numru 7191/1923 u rriżultalu wkoll illi isem l-omm ġie erronjament indikat bħala xebba Pace u mhux xebba Cassar;

7. Illi rriżulta wkoll illi hemm żball fid-data tat-twelid tal-mejta Maria Grech fis-sens illi filwaqt illi fiċ-ċertifikat tat-twelid hemm indikat illi hija kienet twieldet nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru 1923, iċ-ċertifikat tal-magħmudija maħruġ mill-Paroċċa tal-Isla hemm indikat illi Maria Grech kienet twieldet nhar il-ħdax (11) ta' Diċembru 1923, filwaqt ili kienet ġiet mgħammda nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru 1923;

8. Illi r-rikorrenti jixtieq illi jiġu ratifikati l-estratti kemm tat-twelid kif ukoll tal-mewt tal-mejta Maria Grech;

9. Illi l-emenda f'isem id-decejus mhux ser jiskatta riperkussjonijiet jew konsegwenzi għal jew versu terzi;

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

I) Tordna illi l-mejta Maria Grech tiġi dikjarata illi kienet twieldet nhar il-ħdax (11) ta' Diċembru 1923;

II) Tordna illi fl-estratt tat-twelid 7191/1923 fil-parti fejn jiġu elenkati d-dettalji tal-ġenituri, omm il-mejta tiġi ndikata bħala Agostina Grech nee Cassar u mhux Agostina Grech nee Pace;

III) Tordna illi fl-estratt tal-mewt 2092/2010 fil-parti fejn jiġu elenkati d-dettalji tal-ġenituri, omm il-mejta tiġi ndikata bħala Agostina Grech nee Cassar u mhux Agostina Grech nee Pace;

IV) Tordna li jsiru l-konsegwenzjali l-korrenzzjonijiet meħtieġa fl-att tat-twelid bin-numru 7191 tas-sena 1923 u fl-att tal-mewt li jġib in-numru 2092/2010 mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ppreżentata fit-24 ta' Jannar 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppublikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi diversament min dak spjegat fil-punt numru tar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, l-esponent jirribadixxi li fl-estratt tat-twelid ta'oħt ir-rikorrenti Maria Grech li jġib in-numru 7191/1923 ma hemmx indikat kunjom xbubit l-omm Agostina. Difatti, taħt il-kolonna **"Isem u kunjom"**, l-imsemmija Agostina qiegħda mniżżla biss bħala *"Agostina moglie del detto Paolo Grech";*

3. Illi fl-imsemmi att ta' twelid numru 7191/1923 l-konfondiment fil-kunjom jinstab f'dak ta' missier l-omm Agostina, Calcidonio, peress illi huwa indikat bħala "Pace" u mhux "Cassar";

4. Illi a rigward il-bqija tal-inkorrezzjonijiet enunċjati mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tiegħu, l-esponenti qiegħed jirrimetti ruħhu għad diskrezzjoni prudenzjali ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' dawn l-inkorrezzjonijiet fl-att tat-twelid u tal-mewt ta' oħt ir-rikorrenti li jġibu n-numru ta' reġistrazzjoni 7191/1923 u 2092/2010 rispettivament u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid (Dok A), u ċjoe' s-sena 1923, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizżata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid *de quo* kien proprju missier ir-rikorrenti Paul Grech li kien id-dikjarant u tal-informazzjoni kollha li imbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' oħt ir-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

c. Illi a rigward ċ-ċertifikat tal-mewt ta' oħt ir-rikorrenti Maria Grech, jitnissel minn Dok B meħmuż mar-risposta ġuramentata, li kien ċertu Leonard Vella d-dikjarant li bil-firma tiegħu ċċertifika l-korrezzjoni tal-informazzjoni u d-dettalji ta' oħt ir-rikorrenti li ġew murija lilu (probabbilment derivanti mill-att ta' twelid tagħha) u li sussegwentament tniżżlu fiċ-ċertifikat tal-mewt tagħha.

5. Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits u semgħet lix-xhud Leonard Vella;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2011 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata kif indikat fil-verbal imsemmi mid-dokumenti esebiti. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------